Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 180/2009

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Lulju 2007, u minn dan iz-zwieg twieled tifel fit-23 ta' Mejju 2008; li wara ftit xhur il-partijiet isseparaw de facto; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][d] u [f], u dak ta' l-attrici, fit-termini tal-paragrafu [c] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghaldaqstant qed titlob li z-zwieg bejn il-partijiet jigi dikjarat null fil-ligi; bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat li l-konvenut, ghalkemm debitament notifikat, ghazel li jibqa' kontumaci; izda fid-depozizzjoni tieghu tal-20 ta' April 2010 huwa ddikkjara li jaqbel li z-zwieg huwa null;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-27 ta' Lulju 2007 huwa null fil-ligi, peress li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta' l-artikolu tal-ligi fuq citat.

Minn naha tieghu l-konvenut jaqbel ma' din it-talba.

**Il-Fatti**
Illli mill-provi jrrizulta pacifiku li l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Lulju 2007 meta l-attrici kellha xahar tqala, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien minn Marzu ta' l-istess sena. Minn dan iz-zwieg twieled tifel fis-27 ta' Lulju 2007. Wara konvivenza matrimonjali ta' ftit xhur, il-konvenut telaq mid-dar konjugali, u l-partijiet isseparaw de facto.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li kif hi bdiet tohrog mal-konvenut, bdew jaghmlu l-att taz-zwieg bir-rizultat li din kienet inqabdet tqila qabel iz-zwieg.

Tghid li mill-bidunett tal-konvivenza matrimonjali, u allura matul it-tqala taghha, il-konvenut wera' li kien insensittiv fil-konfront taghha, minbarra li kien xhih maghha. Tghid li l-oneru ta' l-ispejjez kien waqa' kollu fuqha, peress li l-konvenut ma kellux xoghol regolari. Hi kienet tahdem u tixtri kollox, filwaqt li l-konvenut kien addotta pozizzjoni ta' rresponsabbilita' fiz-zwieg. Barra minhekk hi skopriet li l-konvenut kellu *personality disorder* fis-sens li kien jiffissa fuq fatti mmaginarji. Dan kien jirrendi l-hajja matrimonjali difficli ghaliha.

L-attrici ssemmi problema li nholqot bejniethom minhabba t-tqala. Tghid li fil-kondizzjoni li kienet hija kienet tirriffjuta

l-avvanzi sesswali tal-konvenut, peress li ma kienx ikollha aptit taghmel attivita' sesswali ma' zewgha. Jidher li dan kien fonti ta' inkwiet serju bejniethom; u hmistax-il gurnata wara t-twelid tat-tifel, il-konvenut qallha "*I feel cold*, m' ghadnix bhal qabel." u telaq [fol.58]

*Verzjoni Konvenut*
Dan jikkonferma li wara konvivenza matrimonjali ta' ftit xhur hu telaq mid-dar konjugali. Jispjega li, fiz-zwieg, l-attrici kienet riluttanti li taghmel l-att taz-zwieg mieghu, jew attivita' sesswali ohra, u jghid li wara disa' [9] xhur li matulhom huwa kien javvicina lil martu u din tirrifjutah, huwa telaq mid-dar matrimonjali.

Il-konvenut jammetti li kellu problemi psikologici rizultat tad-drogi li kien jiehu ghal tnax-il sena meta kien guvni. Jghid li huwa kien dahal ghall-programm ta' rijabilitazzjoni u meta hareg fid-9 ta' Marzu huwa kien qabad ma' l-attrici; izda jghid li l-attrici kienet taf b' dawn il-problemi tieghu minn qabel iz-zwieg. Huwa jammetti wkoll li kien jiffissa fuq affarijiet immaginarji.

Wara li s-separa minn ma' l-attrici, huwa kien ghamel tentattiv ta' suwicidju, u fis-sena 2009 huwa kien iddahhal l-isptar Monti Carmeli jsofri minn depressjoni.

Jghid li ghalih iz-zwieg kienet "avventura" sabiha, ghalkemm fit-tieg kien indannat peress li minn naha tal-familja tieghu ma kien hemm kwazi hadd.

*Il-Konsulent Psikjatra Joseph Vella Baldacchino*
Dan ix-xhud jikkonferma li l-konvenut sa minn meta kien ghadu zghir kellu problemi socjali minhabba l-familja tieghu, u eventwalment kellu wkoll problemi fil-personalita' tieghu. Il-konvenut kien taht il-kura tieghu mis-sena 2002 u kien iddahhal l-isptar Monte Carmeli. Wara z-zwieg, il-konvenut kien qata' il-kuntatt minn max-xhur, sakemm fis-sena 2009 kien rega' gie ammess l-istess fl-istess sptar.

Rigward l-istat mentali tal-konvenut fiz-zmien taz-zwieg, ix-xhud jghid hekk: "Fid-data taz-zwieg, hemmhekk kienu bdew jinbidlu l-affarijiet, fis-sens illi hu primarjament kellu

problema ta’ personalita, u din ghal diversi ragunijiet. Huwa bniedem li kapaci jinbidel, kapaci jigifieri jibdel ir-roles hafna drabi” [fol.48]. Fuq mistoqsija diretta ta’ din il-Qorti jekk il-konvenut “kienx f’ pozizzjoni li jifhem l-import tal-hajja konjugali; kienx matur bizzejjed jew kienx orjentat bizzejjed biex japprezza x’ inhu zwieg.” Ix-xhud irrisponda “jien nghid li ma kienx” [fols.87-88].

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li, wara li semghet il-partijiet jiddeponu u anke x-xhieda mressqa, hija tal-fehema li ghandha taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici. Il-Qorti thoss li din kienet veritiera fid-depozizzjoni taghha.

Illi ferm il-premess, il-Qorti f’ dan il-kaz tirravviza l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, fil-konfront tal-konvenut.

Mill-provi jirrizulta car li l-istat mentali tal-konvenut, fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu, kien tali li kien jikkostitwixxi ostakolu serju sabiex dan jibni u jizviluppa relazzjoni matrimonjali ma’ l-attrici bhala martu. Huwa kien inkapaci li jifhem l-import tal-hajja konjugali, li hija unjoni bazata, inter alia, fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, u ntiza sabiex tigi formata bejn il-partijiet dik il-komunjoni ta’ hajja u ta’ imhabba.

Mill-banda l-ohra, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt ammess mill-istess attrici li din matul it-tqala kollha kienet riluttanti hafna li taghmel attivita’ sesswali ma’ zewgha ghax ma kienx ikollha aptit [fol.26]. Dan zgur ma ghenx lill-partijiet fil-hajja konjugali. Ghalhekk il-Qorti thoss li, ghalkemm ma tirravizax fil-konfront ta’ l-attrici xi wiehed minn dawk il-capita nullitatis indikati minnha fir-rikors promotur, izda minhabba dan in-nuqqas taghha hija ghandha tbati parti mill-ispejjez tal-kawa.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi iz-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-27 ta’ Lulju 2007.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut in kwantu ghal tlett kwarti [3/4], filwaqt li r-rimanenti kwart [1/4] jibqa' a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------